MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## FRANCESCO DEPASQUALE

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2011

Avviz Numru. 332/2011

**F Adveritising Limited**

**vs**

**Felix u Rita konjugi Muscat**

**Il-Qorti:-**

Rat ir-rikors ipprezentat fir-registru ta’ din il-Qorti nhar it-3 t’Ottubru 2011 fejn is-socjeta attrici talbet lill-Qorti tikkundanna lill-konvenuti ihallsuha s-somma ta’ hamest elef, mitejn u sitta u tmenin Ewro (€5,286) rapprezentanti flejjes dovuti mill-konvenuti lis-socjeta attrici.

Bl-ispejjez inkluzi dawk ta’ l-ittra ufficjali mahruga taht l-artikolu 166A u tal-Mandat ta’ Sekwestru ta’ l-20 ta’ Lulju 2011 u bl-imghax mid-data ta’ l-imsemmija ittra ufficjali

sad-data tal-pagament effettiv kontra l-intimati li huma ingunti in subizzjoni .

Rat illi l-avviz ghas-smigh tal-kawza u l-Avviz proprju gew notifikati lil Felix Muscat et fit-12 ta' Novembru 2011, kif jidher a fol 4 tergo skond ir-riferta pozittivi tal-Marixxal Reno Spiteri datata 15 ta' Novembru 2011.

Illi fis-seduta tat-2 ta' Dicembru, 2011 is-socjeta' attrici pprezentat kapitolu fil-konfront tal-konvenuti.

Rat illi fis-seduta tal-5 ta' Dicembru, 2011 il-konvenuti gew imsejjha izda ma deherux, la biex jikkontestaw t-talba attrici u lanqas biex jirrispondu ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant il-Qorti wara li semghet lill-avukat difensur tas-socjeta' attrici jghid li d-debitu ghadu dovut, issib li t-talba ta' l-istess socjeta' attrici tirrizulta gustifikata w timmerita konferma.

**Il-Qorti ghalhekk qeghda tilqa' t-talba attrici w tikkundanna lill-konvenuti ihallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' ta' hamest elef, mitejn u sitta u tmenin Ewro (€5,286) rapprezentanti flejjes dovuti mill-konvenuti lis-socjeta attrici ghar-ragunijiet indikati fir-rikors.**

**Bl-ispejjez w bl-imghaxijiet kif mitluba fl-avviz.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------